**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Gunju, 2020**

**Talba Nru: 159/2019PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Mason Nehls (K.I. Nru. 416593(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u erbgha u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€654.25) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.10997941 fuq talba u a beneficcju tal-intimat u dana kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha giet annessa mal-avviz tat-talba u mmarkata Dok. X1 bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-fattura ezebita in atti bhala Dok. X1 (fol. 2 tal-process) u l-affidavit ta’ Dr. Jeremy Debono a nom u in rapprezentenza tas-socjeta` attrici (Dok. X2 a fol.3 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2020 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2020 u fil-fatt l-intimat ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-affidavit ta’ Dr. Jeremy Debono u mill-fattura relattiva ezebita in atti. L-imghaxijiet ghandhom madanakollu jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ sitt mija u erbgha u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€654.25) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija cellulari bil-kont numru 1.10997941 fuq talba u beneficcju tal-intimat bl-ispejjez u bl-imghax mid-9 ta’ Marzu, 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**